**KUNSILL LOKALI ĦAŻ-ŻEBBUĠ**

**AĠENDA NUMRU 45 – 15 ta' Frar 2018**

***Minuti tat-44 laqgħa tal-Kunsill tat-Tmien Legislatura tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ, Città Rohan, li saret nhar il-Hamis 22 ta' Marzu, 2018 fil-6:30pm.***

Il-Kunsill Lokali ta' Haz-Zebbug iltaqa' fl-ufficcju amministrattiv tiegħu fi Triq Frans Sammut fis-6:30pm ta' filgħaxija sabiex issir Agenda Numru 45. Il-laqgha bdiet fil-6:35 pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Prezenti:** | **Sarah Agius** | Sindku |
| | **Alfred Grixti** | Viċi-Sindku |
| | **Roderick Aquilina** | Kunsillier |
| | **Christopher Bongailas** | Kunsillier |
| | **Philip Said** | Kunsillier |
| | **Kevin Glynn** | Kunsillier |
| | **George Cortis** | Kunsillier |
| | **Clive Azzopardi** | Kunsillier |
| **Assenti b'Apologija:** | **Vernalise Scicluna** | Kunsillier |
| **Assenti :** | **Ħadd** | |
| **Pubbliku:** | **Mr. Robert S. Tabone** | Works' Co-ordinator |
| **Uffiċċjal prezenti:** | **Paula M. Valletta** | Segretarju Ezekuttiv |

**46.1 Qari tal-Ittri tal-Apologiji**

Is-Sindku Sarah Agius nfurmat lill-Kunsill li l-Kunsillier Vernalise Scicluna ma setghetx tkun prezenti ghal din il-laqgha.

**46.2 Estimi Finanzjarji ghas-Sena 2018**

Is-Sindku Sarah Agius talbet li l-laqgha taqa' fi stadju ta' kumitat sabiex tkun tista tinghata spjegazzjoni ta' fhiex jikkonsistu dawn l-estimi.

Fis-7:10pm tkompliet il-laqgha tal-kunsill. Waqt li l-laqgha kienet fi stadju ta' kumitat, il-Kunsillier Chris Bongailas hareg mil-laqgha minhabba impenji ohra.

Il-Vici Sindku Alfred Grixti ddikjara li ma jistax jivvota favur dawn l-estimi finanzjarji kif prezentati, mhux ghax gew ppreparati skorettement izda ghaliex ma jaqbilx mat-template deciza mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Huwa ma jaqbilx li d-diprezzament ta' Gnien l-Infetti u tal-Progett tal-Binja tal-Kunsill, ghandhom ikunu nkluzi ghaliex il-progetti ghadhom qas inbdew. Barra minn hekk s-Sur Grixti ma jhossx li progetti infrastrutturali ghandu jkun hemm diprezzament fuqhom, minhabba li fir-realta il-bini joghla fil-prezz. Huwa ghalhekk sostna li bi protesta ma jistax japprova dawn l-estimi finanzjarji.

Il-Kunsillier George Cortis iddikjara li ser jastjeni minn dan il-vot.

Sadanittant is-Sindku Sarah Agius ipproponiet li la Estimi Finanzjarji gew prezentati skont id-direttiva mahruga mid-Dipartiment, dawn ghandhom jigu approvati. Hija giet sekondata mill-Kunsillier Clive Azzopardi. Ittiehed vot.

Dawk favur: is-Sindku Sarah Agius, il-Kunsillier Clive Azzopardi, il-Kunsillier Philip Said, Il-Kunsillier Kevin Glynn u l-Kunsillier Roderick Aquilina.

Dawk kontra: il-Vici-Sindku Alfred Grixti

Astensjonijiet: il-Kunsillier George Cortis

L-Estimi Finanzjarji ghas-sena 2018 gew approvati.

Il-laqgha spiccat fis-7:35pm.

| | |
|---|---|
| **Sarah Agius** | **Paula M. Valletta** |
| **Sindku** | **Segretarju Ezekuttiv** |